**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 489 (9-31)**

**It-Tnejn 20 ta' Lulju 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal għal-laqgħa fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**489.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**489.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**489.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**489.2.1** Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 489 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondat. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**489.2.2** Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 488 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**489.2.3** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**489.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**489.3.1** Konferenza stampa re storbju minn stabbilimenti

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li nhar is-Sibt, 1 ta' Awwissu, fid-9:00 a.m., ser issir konferenza stampa fi Pjazza Ta' Ħaġrat, Ħ'Attard, b'kollaborazzjoni ma' diversi Kunsilli Lokali, sabiex jiġi indirizzat il-problema dejjem tikber dwar l-istorbju li qed jiġi ġġenerat minn ċerti stabbilimenti. Ġie ċċarat li din l-inizjattiva ma tinkludix il-festi tradizzjonali u hija ffukata esklussivament fuq il-ħtieġa li tinfetaħ diskussjoni nazzjonali dwar il-ġestjoni tal-istorbju f'żoni residenzjali.

**489.3.2** Talba għal rilokazzjoni tal-BCRS

B'referenza t-talba mis-Siġġiewi football Club biex tiġi rilokata l-magra tal-BCRS minn quddiem l-isport Complex John debattista minħabba li hemm proġett infrastrutturali in vigore, is-Sindku qal li wara laqgħa on site fuq is-sit il-ġdid propost, irċevejna l-istima biex isir ir-rilokament. Dan jammonta għal spiża ta' bejn €3400 u €3500. Hu qal li peress li it-talba saret minn terzi minħabba xogħol previst u anka peress li l-BCRS tinsab fuq art pubblika, l-ispiża għandna stkun koperta minn min għamel it-talba u mhux mill-kunsill. Eventwalment meta jkun hemm konferma, ninfrumaw lil BCRS ħalli jibdew il-proċess.

**489.3.3** Invit lis-Sindku għal udjenza mal-Papa fil-Vatikan

Is-Sindku preżenta ittra ta' invit mill-AKL lis-Sindku għal udjenza mal-Papa fil-Vatikan bejn l-20 u t-22 t'Ottubru. Hu qal li l-ispiża tal-vjaġġ tkun koperta mill-Kunsill u tingħata is-subsidy allowance per diem kif rikjest mill-proċeduri.

**489.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**489.4.1** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa dwar l-implimentazzjoni tas-sistema tal-one way li ilha li ġiet approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet stima tal-proġett f'fażijiet liema stima tammonta għal €42 elf. Hi qalet li qed tara l-possibilta' ta' skema ta' fianzjament taħt 'Tactical Urbanism' mar-Reġjun Punent. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li l-proposta tal-one way ta' Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu ilna approvata mill-kunsill preċedenti iżda kienet ġiet inkorporata fi proġett tal-pjazza minħabba xi diffikultajiet li kienu inqalgħu meta ġiet proposta lill-pubbliku.

**489.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**489.5.1** Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qalet li ġew preżentati l-kotba lill-Iskola Ġuże' Delia u lill-grupp tal-quddies tat-tfal, dawn inxtraw taħt finanzjament mir-reġjun Punent. Hija qalet li sett ieħor qiegħed jiġi reġistrat mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi biex imbgħad jiġi preżentat lill-librerija Karmenu Vassallo.

**489.5.2** Il-Kunsillier Charles vassallo qal li t-tindif fit-toroq rurali miexi tajjeb u skont l-iskeda. Hu qal li ser isir it-tindif ukoll fi Triq il-Qrendi bl-uffiċjali, u talab ukoll li ssir Triq it-Tiġrija bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-Cleansing peress li hija triq prinċipali u anka li qed tintuża minn ħafna vetturi goffi anka fid-dawl ta' devjazzjonijiet li haw bħalissa, kif ukoll Triq il-Granmastri (il-benniena). Hu rringrazja d-dipartiment tat-tindif li sar fi Triq lejn Għar lapsi u Triq il-Mitjar ta' San Niklaw. Il-Kunsillier qal li ż-żona rurali ats-Siġġiewi tant hi kbira li bil-finanzi u l-mezzi eżistenti mingħajr għajnuna ma nlaħħqux mal-ħaxix ħażin u tindif ta' rimi illegali. Il-Kunsillier Albert Pace irrimarka fuq l-ammont ta' ħmieġ taż-żwiemel lejn il-kappella tal-providenza. Hu talab biex possibbilment jiġu kkuntattjati l-istalel li hemm fil-viċinanzi. Il-Kunsillier preżenta wkoll rapport mil-Lesa dwar kontravenzjonijiet li nħarġu għal rimi illegali ħdejn il-bring in sites minn Jannar sa Lulju 2026, b'total ta' 34 ċitazzjoni. Huwa qal li diżappunt li fi Triq Dun Anton Vella inħarġet multa waħda biss f'7 xhur. Qal li intalbet laqgħa mal-Lesa rigward infurzar u iktar koperazzjoni.

**489.5.3** Il-Kunsillier Albert Pace qal li id-Dipartiment tas-Saħħa ma kienux qed jieħdu sampling tal-ilma baħar f' Għar Lapsi minħabba nuqqas ta' aċċessibilta'. Hu qal li sar kuntatt mill-amministrazzjoni biex dawn jinżlu u jingħata aċċess biex isir it-testing. Hu qal li x-xogħol mill-kuntrattur beda u hemm żewġ teams ta' ħaddiema kemm tal-kuntrattur u anka tad-Dipartiment fuq żewġ fażijiet differenti. Hu qal li qed isiru diskussjonijiet dwar id-dwal fejn saret laqgħa mal-PW u l-ERA għal dawl adattat u anka fuq bankijiet li jifilħu għall-elementi. Qal li fil-jiem li ġejjin ser jinxtegħel ukoll id-dawl tal-parkeġġ.

**489.5.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qed jiltaqa' mal-istakeholders għal possibilta' ta' attivita' f'Settembru fl-okkażjoni tal-European Sports Week. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkritu rigward l-attivivita' ta'kollaborazzjoni 'MWBA Outreach Project.

**489.5.5** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li l-attivita' ta' kommemorazzjoni ta' Fr. Nicholas Cachia fir-reading garden kienet sabiha mmens u tat ġieħ lil Fr. Nicholas u l-ġid li għamel. Hu qal li jonqos xi xogħolijiet fit-trejqa u saqsa dwar iż-żrar fil-passaġġi jekk hux temporanju. Is-Sindku qal li dak il-materjal issa qed jintuża fi Proġetti ta' Green projects biex kemm jista' jkun jieħu post l-użu ta' konkos.

**489.5.6** Is-Sindku qal li għad qed niġbru l-istimi għal monument tal-arma tas-Siġġiewi fir-roundabout. Qed nistennew ukoll stimi għat-tabelli tal-heritage trails. Din il-ġimgħa jitwaħħlu wkoll il-Merħba Signs li kienu tkissru bl-uragan.

**489.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**489.6.1** Vjal Kulħadd
Is-Sindku qal li qed isewgi ix-xogħolijiet fejn bħalissa qed isiru l-kurduni għal parkeġġi u jitfgħu il-ħamrija jfejn ikun lest fejn resqin lejn Triq Nikola Saura. Hu qal li l-proġett qed isir b'fażijiet ħalli jekk ikun hemm żona lesta jista jingħata l-wiċċ u nnaqqsu xi ftit inkonvenjent lir-residenti. Huq al li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sar meeting fur il-post mal-Perit tal-proġett u l-kuntrattur biex ikollna aġġornamenti fuq ix-xogħolijiet. Hu qal li meta talab timeframe il-perit qalet li sa settembru ikunu twaħħlu wkoll l-arblu tad-dawl bejn is-service road u t-triq. Is-Sindku qal lis aqsa wkoll dwar l-istreet furniture u dan jista jiġi diskuss f'fażi aktar avvanzata.

**489.6.2** Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li t-timeframe huwa għal Novembru. Hu qal li ikun hemm bżonn li tingħalaq Triq Blat il-Qamar f'xi fażijiet beix ikun jista jimxi aktar ix-xogħol mingħajr vetturi, anka in vista tal bidu tal-iskola lejn l-aħħar ta' settembru. Hu qal li wara talba saru l-lights temporanji li għenu fl-immaniġjar aħjar tat-traffiku. Dawn issa m'għadx hemm bżonnhom u tneħħew.

**489.6.3** Xogħol mill-Public Works

Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin ser ikollu laqgħa mal-perit tal-Public Works biex jitkompla xogħol ta' bankini. Hemm ukoll 2 toroq tal-bdiewa li l-kunsill kien għamel talba għalihom u anka ir-roundabout żgħira fi Pjazza San Ġwann.

**489.7** **Mozzjoni: Mozzjoni ta' ringrazzjament u apprezzament lill-Onorevoli Perit Julian Borg Ex Sindku**

Billi l-Onorevoli Perit Julian Borg serva fi ħdan il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi b'dedikazzjoni u impenn kontinwu għall-ħdax-il sena mill-2015 sal-2026;

Billi matul dawn is-snin huwa okkupa diversi karigi importanti fi ħdan il-Kunsill, fosthom dawk ta' Kunsillier, Viċi Sindku, Kap tal-Minoranza u Sindku;

*Billi permezz tal-ħidma tiegħu dejjem fittex li jippromwovi l-ġid komuni, itejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti, u jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-progress tal-lokalità tas-Siġġiewi;*

*Billi tul is-servizz tiegħu wera sens qawwi ta' responsabbiltà pubblika, tmexxija u impenn lejn il-prinċipji tad-demokrazija lokali;*

*Billi l-elezzjoni tiegħu bħala Membru Parlamentari timmarka pass ġdid fil-karriera tiegħu ta' servizz pubbliku u hija rikonoxximent tal-fiduċja li l-elettorat qiegħed fih;*

*Għaldaqstant, dan il-Kunsill Lokali qiegħed jiddeċiedi li:*

1. *Jirrekordja formalment l-apprezzament u r-ringrazzjament sinċier tiegħu lill-Onor. Perit Julian Borg għas-servizz eżemplari li ta lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u lir-residenti tiegħu bejn l-2015 u l-2026.*
2. *Jagħraf u jirringrazzjah għall-kontribut siewi tiegħu fil-karigi kollha li okkupa, jiġifieri ta' Kunsillier, Viċi Sindku, Kap tal-Minoranza u Sindku.*
3. *Jawguralu kull suċċess u ħidma siewja fil-funzjonijiet ġodda tiegħu bħala Membru Parlamentari, b'fiduċja li se jkompli jaqdi lill-komunità u lill-pajjiż bl-istess dedikazzjoni u serjetà li dejjem wera fil-ħidma tiegħu fil-gvern lokali.*
4. *Kopja ta' din il-Mozzjoni tingħata lill-Onor Perit Julian Borg u tiġi rreġistrata fil-minuti tal-Kunsill bħala xhieda permanenti tal-apprezzament tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi lejn il-kontribut tiegħu.*

Propona is-Sindku Ryan Cachia, isskondaw il-mozzjoni il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Charles Vassallo. Il-Kunsilliera b'vot unanimu qablu mal-kontenut tal-mozzjoni u rringrazjaw lill-Onorevoli Julian Borg tas-sehem tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Il-Mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**489.8** **Mozzjoni: Ġnien pubbliku u żona rikreattiva fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, fis-Siġġiewi**

**489.8.1** *Billi teżisti proprjetà pubblika, jiġifieri sit li jinsab fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siġġiewi (pjanta annessa mal-mozzjoni);*

*Billi f'Mejju 1997 il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien applika mal-Awtorità tal-Ippjanar, permezz tal-applikazzjoni Nru: 3187/97, u sabiex fuq dan is-sit indikat hawn fuq, jiġi trasformat f'ġnien pubbliku u zona ta' rikrejazzjoni;*

*Billi din l-applikazzjoni kienet ġiet aċċettata mill-Awtorità tal-Ippjanar; Għaldaqstant:*

5. *Jiġi rrisolut li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jerġa' jirriattiva din l-applikazzjoni u japplika mill-ġdid biex fuq dan is-sit isir ġnien pubbliku u żona rikreattiva, u dan sabiex minnu jibbenefika l-Poplu kollu tas-Siġġiewi, partikolarment n-nies tal-inħawi, u li dan il-proċess jinizja b'mod immedjat;*

2. *Jiġi rrisolut li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jesplora l-possibbiltà li dan is-sit jiġi estiż, minn dak oriġinalment pjanat, fl-applikazzjoni sottomessa mil-Kunsill Lokali is-Siġġiewi fl-1997;*

3. *Jiġi rrisolut ukoll li, peress li s-sit propost għandu differenza tajba fil-livell, tiġi esplorata, kif ukoll studjata l-possibbiltà li taħt dan il-ġnien pubbliku jinbena parkeġġ taħt l-art (underground parking), li jkun jista' jiġi utilizzat min-nies tal-inħawi, kif ukoll minn dawk li ma jsibux post fejn jipparkjaw fil-Pjazza tas-Siġġiewi;*

6. *Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jkun qiegħed jirrisolvi, li jsir investiment ieħor ambjentali u li jiggarantixxi livell t'għixien aħjar, għal familji u ż-żgħażagħ Siġġiwin, kif ukoll li tiġi indirizzata b'mod effettiv l-isfida ta' nuqqas ta' parkeġġi disponibbli, fi Pjazza San Nikola u toroq li jiffurmaw iċ-ċentru tal-lokalita' tagħna;*

Mozzjoni proposta mill-Kunsillier Albert Pace u ssekondata mill-Kunsilliera Christopher Farrugia u Dominic Grech.

Il-proponent qara u spjega l-mozzjoni.

Is-Sindku preżenta emenda għall-mozzjoni.

**489.2** **Mozzjoni Emendata favur ġnien pubbliku u żona rikreattiva fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, fis-Siġġiewi**

*Billi teżisti proprjetà pubblika, jiġifieri sit li jinsab fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siġġiewi (pjanta annessa mal-mozzjoni);*

*Billi f'Mejju 1997 il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien applika mal- Awtorità tal-Ippjanar, permezz tal-applikazzjoni Nru: 3187/97, u sabiex fuq dan is-sit indikat hawn fuq, jiġi trasformat f'ġnien pubbliku u zona ta' rikrejazzjoni;*

*Billi l-eżiġenzi lokali u l-policies tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1997 u tal-2026 ma humiex l-istess;*

*Għaldaqstant jiġi riżolt illi:*

7. *Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jikkummisjona lill-perit u tekniċi sabiex jeżaminaw l-applikazzjoni tal-1997 b'mod immedjat u jagħtu rakkomandazzjoni ta' x'jista jiġi applikat għal benefiċċju tas-Siġġiwin.*

*2. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jitlob lil perit u tekniċi tiegħu sabiex jesploraw l-possibiltà ta' parkeġġ taħt l-livell tat-triq sabiex ikompli jtaffi id-diffikultajiet ta parkeġġ fiż-żona u dawk li jiffrekwentaw l-pjazza u l-qalba tas-Siġġiewi.*

*3. Il-Kunsill Lokali tas-Siggiewi, wara li jkun lest l-istudju imsemmi fil-punt preċedenti, jsejjaħ laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni għar-residenti tal-lokalità sabiex jagħtu informazzjoni rigward l-intenzjoni tal-Kunsill Lokali u jieħdu l-opinjonijiet u is-suġġerimenti tagħhom.*
*4. Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jkun qiegħed jagħmel investiment ieħor li jiggarantixxi livell t'għixien aħjar, għal familji u ż-żgħażagħ Siġġiwin.*

Propona l-emenda għall-Mozzjoni is-Sindku. Issekondaw il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Charles Vassallo.

Is-Sindku spjega l-emenda kif preżentata. Wara diskussjoni hu talab vot fuq il-mozzjoni kif emendata.
Il-Kunsill ivvota unanimament favur.

**489.9 Festi sekondarji ta' Ħal Xluq, Tal-Providenza u San Niklaw**

Is-Sindku elenka id-dati tal-festi sekondarji annwali. Hu qal li bħal kulls ena, il-Kunsill jiprovdi skip u ġbir ta' skart u mobile toilet għall-attivita' uffiċjali beix ngħinu lill-għaqdiet li jorganizzaw. Hu qal li importanti li l-għaqdiet jikkollaboraw billi jifirdu l-iskart kemm possibbli, u jħallu nadif warajhom.

**489.10 Festa Għeneb 2026**

Is-Sindku qal li l-preparamenti għal festa għeneb għaddejjin tajjeb u ser jinħarġu iss-ejħiet għal interess għad-diversi kategoriji: kant, voluntiera, stalls eċċ. Hu qal li għal dakinhar ikun hemm bżonn ħafna idejn għal-loġistika speżjalment biex iżarmaw wara l-attivita' u japprezza jekk membri tal-kunsill ikunu jistgħu jgħinu wara kollox din hija attivita' tal-kunsill kollu. Qal li ser issir laqgħa mal-għaqdiet u jħeġġeġ li kull għaqda jkollha rappreżentanza. Hu rringrazja lill-grupp ta' voluntiera li qed jgħinu fl-organizzazzjoni. Qal ukoll li diġa hemm il-konferma ta' produtturi tal-inbid u kkonfermata wkoll il-parteċipazzjoni ta' Noto. Hu qal li għandna finznajment mis-Segretarjat għal Gvern lokali tramite skema li l-kunsill applika għaliha, fondi għall-Kultura mir-Reġjun Punent u għajnuna mill-MTA.

**489.11 Attivita' 'Minn Pjazza għal Pjazza'**

Is-Sindku qal li se rikollna laqgħa malorganizzaturi tal-attivita' min Pjazza għal Pjazza. Hu qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet oriġinarjament għal Festa Għeneb iżda wara li l-applikazzjoni ġiet eliġibbli għal fondi, ġejna infurmati li ma tistax tkun attivita li diġa teżisti iżda inizjattiva ġdida. Għalhekk ġiet maħsuba li ssir attivita' apparti wara l-festa għeneb anka peress li ma jkunx hemm ċans biex tiġi organizzata attivita' kbira oħra bħala loġistika.

**489.12 Festa San Nikola 2026 – Post mortem**

Is-Sindku qal li overall mill-feedback li rċevejna kemm mill-pubbliku u anka mill-għaqdiet il-koordinazzjoni kienet tajba ħafna. Il-pjazza ingħalqet għal ġranet itwal u kien hemm xi ilmenti dwar dan iżda kienet aktar sigurta għall-armar. Hu qal li għas-sena d-dieħla hemm bżonn iktar koordinament mal-għaqdiet u stabbilimenti, kif ukoll ikun idejali laqgħa ma' min jagħmel permessi għal kiosks u anka tintalab depositu minħabba l-iskart minn qabel. Is-Sindku qal li kien hemm issue partikolari ma' bejjiegħa tal-qubbajd li issolviet bil-għajnuna tal-Pulizija. Rigward tindif, is-

sindku qalli kien hemm koordinament tajjeb ħafna bejn il-kuntrattur u l-ħaddiema tad-Dipartiment. Is-Sindku rringrazja lill-Kunsillier Charles Vassallo li ħa ħsieb it-tindif.

**489.13** **Attivita' Clean-up f'Settembru 2026**

Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li bħalissa qed isir koordinament mal-Kunsilliera Stephanie Vassallo rigward l-attivita' ta' tindif f'settembru. Il-Kunsillier irriferea għal skema li applikajna għaliha izda għadha mhix evalwata. Hu qal li l-attivita prevista għal 20 ta' Settembru u niprovaw ninvolvu l-għaqdiet. Hu qal li filwaqt li l-kunsill dejjemoffra għajnuna diversa u koperazzjoni lill-għaqdiet, jistenna li l-għaqdiet jagħtu sehemhom u jkun hemm imqar rappreżentanza fl-attivitajiet favur il-lokalita'.

**489.14** **Xogħolijiet f'Għar Lapsi – aġġornament**

Is-Sindku qal li l-kunsill attenda għal laqgħa mal-Public Works fejn ġie spjegat ix-xogħol u l-fażijiet. Hu qal li hemm diversi fażijiet fejn parti minnhom ser tkun qed tinħadem mill-ħaddiema tad-dipartiment u l-parti in-naħa ta' Għereq Miżun ser tkun qed tinħadem minn kuntrattur. Hu qal ukoll li hemm fażi ta' studju fuq il-blat in-naħa tal-Għar li tieħu iktar fit-tul minħabba l-istat ta' ġebel u sakemm anka tiġi stabbilita x'azzjoni trid tittieħed. Qal ukoll li f'laqgħa mal-ERA ġie diskuss il-pjan ta' installazjoni tad-dawl, kemm biex jiġi salvagwardjat l-ambjent u l-habitat naturali iżda anka inżommu in kunsiderazzjoni is-sajjieda. Is-Sindku qal ukoll li bħalissa qed jitħeġġa pjan ukoll biex tiġi preżentata proposta lill-Project Green tal-Park ta' fuq fejn il-bandli iżżarmaw minħabba li kienu f'kundizzjoni li joħolqu periklu. Hu qal ukoll li hemm ħsarat fid-dwal u fil-parti fejn kienet magħluqa bil-ħadid. Qal ukoll li qed ikomplu t-taħdidiet mat-Turiżmu għal pjan tal-belvedere sar-reverse osmosis. Sadattant, id-dwal isolari nstallati fil-parkeġġ ser jinxtegħlu din il-ġimgħa. Ser jibda wkoll ix-xogħol mill-PW fuq iċ-ċint perikoluż qabel tibda t-taraġ ta' fuq.

**489.15** **Tenders**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

**489.15.1** Is-SE qalet li l-evalwazzjoni tat-tender LCS 52/2025 ġiet konkluża u rr-akkomandazjoni tal-bord li t-tender jiġi awarded lill-irħas offerent.

**489.15.2** It-tender tal-pannelli LCS48/24 ġie konkluż ukoll iżda qed tistenna mingħand l-Aġenzija Water and Energy rigward il-way forward. Hi qalet li sadattant qed isir manutenzjoni il-bejt tal-kunsill fejn kien hemm filtrazjoni ta' ilma u saret ħsara fis-saqaf. Hi qalet li wara konsultazjoni mal-kumpanija tal-pannelli eżistenti, jidher lid aw m'għadhomx funzjonabbli u qed jagħmlu ħsara lis-saqaf u ġie deċiż li mhux vjabbli li jintefqu fondi biex jiprovaw jitranġaw. Għalhekk saru arranġamenti biex jitneħħew mill-iktar fis ħalli jitkompla t-tiswija tas-saqaf mill-Public Works.

**489.15.3** Hi qalet li t-tender LCS9/25 tal-lattrina tal-pjazza infetaħ u lest biex jibda jiġi evalwat. Konferma tal-bord ta' evalwazzjoni magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Christopher Farrugia u Chair il-kunsillier Charles Vassallo u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-SE qalet li qed taħdem fuqit-tender tal-upgrading tal-gym.

**489.16** **Tiġdid tal-assikurazzjoni Group Life Policy għall-membri eletti AKL2026/053**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-polza ta' assikurazzjoni għall-membri eletti, waslet biex tiskadi. Is-Sindku rrakomanda t-tiġdid bi spiża ta' €65 kull kunsillier. Il-Kunsill unanimament approva.

**489.17** **Għeluq ta’ probation period ta’ impjegata fil-customer care**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li l-impegajat customer care Ms. H.Attard għalqilha il-perjodu ta’ probation. Hija qalet li l-impjegata drat sew ix-xogħol tagħha u hija l-persuna idejali għal front-office tal-kunsill fejn anka, nirċievu diversi kummenti pożittivi mill-pubbliku għal mod kif taqdi n-nies. Is-Sindku qal li jikkonferma dan u jaqbel li l-impjegata tiġi fuq kuntratt fiss. Il-Kunsill unanimament qabel.

**489.18** **Taħriġ għall-impjegati amministrattivi**

Is-Sindku talab lis-SE tispjega. Is-SE qalet li bħala parti mill-istaff meetings, l-istaff ġie mistoqsi dwar taħriġ li jixtieq jagħmel relatat mal-impjieg. Hija qalet li wara talba li għamlet u stħarriġ mal-ANSEK, ser isir kors speċjalizzat għall-istaff tal-kunsill bit-tema Achieve. Hija qalet li il—fee tat-taħriġ ta’€850 eskluż il-Vat kull persuna, ser tiġi koperta minn fondi apposta maħruġa mid-dipartiment għat-taħriġ tal-istaff. Infurmat ukoll li waħda mill-impjegati bdiet taħriġ ta’ ECDL biex jgħinha fl-eżekuzzjoni ta’ xogħolha. Il-fee ta’ €600 ser tkun ukoll koperta mill-programm ESF+.03.246 taħt skema tad-DLG. F’Awissu il-membri kollha tal-istaff ser jattendu għal taħriġ dwar Data protection koordinat mir-Reġjun Punent.

Is-Sindku qal li hija ħaġa pożittiva li l-istaff ikun imħarreġ u jżomm ruħu aġġornat. Il-Kunsill unnaimament approva.

**489.19** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Q1 (Jannar-Marzu 2026)**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet li ma kelliex kontroll fuqhom, ir-rapport ser jiġi preżentat fis-seduta li jmiss.

B'referenza għal dan il-punt, is-Segretarju informa lill-Kunsill li, wara diversi tentattivi biex isir kuntatt mal-accountant rigward ir-rapport finanzjarju u materji oħra relatati mal-awditjar, ġiet ippreżentata korrispondenza mill-kumpanija li tikkonferma li l-accountant ma għadux impjegat magħha. Ġie nnotat ukoll li, minkejja diversi tentattivi mill-istess kumpanija sabiex jinħatar sostitut, sal-lum għadha ma nstabitx persuna li tista' tieħu ħsieb il-preparazzjoni tal-accounts. Is-Sindku qal li għandu jiġi infurmat kemm l-Awditur kif ukoll id-Dipartiment b'din is-sitwazzjoni, sabiex ikunu konxji tar-raġunijiet għad-dewmien fil-preżentazzjoni tar-rapporti u għan-nuqqas li jiġu osservati l-iskadenzi stabbiliti. Is-Sindku żied li s-servizz ta' accountant huwa servizz ta' natura kontinwa u għalhekk ma jkunx prattiku li kull darba tintalab stima u jerġa' jinbeda l-proċess ta' akkwist tas-servizz. Intalab li jsir tentattiv ta’ alqgħa mal-accounting firm biex naraw kif l-aħjar niproċedu.

**489.20** **Materji konnessi mal-Awtorita’ tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta’ applikazzjonijiet li daħlu mal-awtorità tal-Ippjanar biex isir xi tip ta’ żvilupp fis-Siġġiewi.

**489.20.1** Is-Sindku staqsa dwar applikazzjoni PA04540/23 u talab biex il-permit jiċċekkja jekk din hix in-line mal-AMDR.

**489.21** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra ta’ radd ta’ ħajr lill-amministrazzjoni u lill-membrital-Kunsill għal koordinament fil-festa ta’ San Nikola, mibgħuta mill-Grupp ta’ Armar. Hija qalet li sabiħ meta xi ħadd japprezza ix-xogħol kbir li jkun għaddej biex tittella attivita’ u li ħafna nies joħduha for granted. Is-Sindkur ringrazja lit-tem kollu amministarttiv tax-xogħol li jagħmlu kuljum.

**489.22** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**489.23** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**489.24** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**489.24.1** Il-Kunsillier Albert Pace qal li rċieva talba biex jerġgħu jiġi installat il-bank li kien hemm mal-kappella taċ-Ċwerra fil-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kien tneħħa minħabba periklu pererss li ġie rrapurtat li kien spiss jaqa xi ġeben imdaqqas mill-istess kappella.

**489.24.2** Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa dwar is-servizz ta' gwardjan fi triq il_knisja l-Qadima fil-ħinijiet tal-mużew fis-sajf. Is-Segretarju eżekuttiv qal lid an is-servizz kien jitwaqqaf fis-sajf minħabba informazzjoni mill-mużew li il-lezzjonijiet ma jkunux skedati allura m'hemmx ħinijiet fissi. Hija qalet ukoll li hemm spiża konsiderevoli diġà biex ikun hemm dan is-servizz u fis-snin passati il-kunsill kien talab lis-Superjur biex jibdew jużaw il-bieb minn Triq id-Demnuq biex jiġi evitat periklu u anka biex dan is-servizz u l-ispiża relatati tieqaf. Is-SE qalet ukoll li sas-sena l-oħra l-kunsill kien jista jiklejmja din l-ispiża iżda issa tinħareġ kollha minn fondi tal-kunsill.

**489.24.3** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo talbet biex niċċekkjaw rigward binja li tidher li hi lesta fi Triq Blat il-Qamar biex eventwalment jitneħħa l-boundary wall u terġa ssir il-bankina.

**289.25** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 24 t'Awwissu 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

.
.

Konfermati, illum 24 t'Awissu 2026

Ryan Cachia
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv